MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2012

Rikors Numru. 263/2011

A B

-vs-

C B

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu r-rikorrenti ippremetta:

Illi l-partijiet izzewgu fit-tmienja (8) ta’ April tas-sena 1990 u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt ulied u cioe’ D u E, it-tnejn ghadhom minorenni;

Illi l-partijiet isseparaw bonarjament in forza ta’ kuntratt in atti Nutar Dottor Vanessa Pool tat-8 ta’ Mejju tas-sena 2003 hawn anness u markat Dok A;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom aktar minn erba' (4) snin ma jghixux flimkien, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u r-rikorrenti sahansitra fforma raba soda u relazzjoni stabbli ma persuna ohra;

Illi l-esponenti dejjem ottempera ruhu f'dak li huwa manteniment ghaz-zewgt uliedu;

Illi dan il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66 B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab illi l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li *in forza* taghha hija eccepiet :

Illi it-talba ghad divorzju m'ghandhiex tigi milqugha  f'dan l-istadju stante li ir-rikorrent ma jissodisfax l-elementi rikjesti mill Ligi u senjatament mill Artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghar-ragunijiet segwenti:

1. Ic cirkostanzi tal partijiet mid-data tas-separazzjoni legali inbidlu u l-esponenti ghandha ragunijiet fondati u gustifikati biex titlob awment fil manteniment tal ulied. Il partijiet kienu gja f'medjazzjoni u r-rikorrent ma ried jaghti ebda zieda hlief dik tal gholi tal hajja. Fil fatt il manteniment bazi u ta €233 fix xahar ghaz zewgt itfal peress li dak iz-zmien kellu ihallas ukoll mizati ghall iskejjel tat-tfal izda sussegwentement nehha it-tfal minn dawn l-iskejjel. Dan il manteniment zgur b'ebda mod ma jista jitqies bhala manteniment adegwat u l-esponenti

ghandha thassib li jekk it talba tigi akkolta il manteniment stabbilit fil kuntratt ma jkunx jista jitbiddel.
2. Ukoll il kuntratt jipprovdi li *the duty to provide maintenance ceases as soon as the children reach the age of majority (clause 4(g))* Dan gie hekk stabbilit peress li l-Ligi hekk kienet tipprovdi .Ghalhekk titlob li l-istess rikorrent jassumi l-obbligu li ikompli ihallas il manteniment ghall ulied anke wara li jaghlqu l-eta ta' 18 il sena purke li ikomplu l-istudji taghhom a tenur tal-artikolu 3(2) B) tal Kap 16 tal Ligijiet ta' Malta.
Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghobha tichad it-talba f'dan l-istadju sakemm ma jigix stabbilit manteniment adegwat skond il Ligi stante tibdil fic-cirkostanzi tal partijiet, u sakemm ma jigix sgurat li l-obbligu tar-ragel ikompli wara li it-tfal jaghlqu l-eta ta 18 il sena.

Bl-ispejjez kontra ir-rikorrent.

Rat id-digriet taghha tas-26 ta' Ottubru, 2011;

Rat il-verbal tat-13 ta' Jannar, 2012 u rat illi l-intimata irtirat l-eccezzjonijiet taghha fejn opponiet ghal dan ir-rikors;

Semghet ix-xiehda tal-partijiet;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta illi l-partijiet isseparaw in forza ta' kuntratt in atti Nutar Dottor Vanessa Pool fit-8 ta' Mejju 2003;

Rat ukoll kif irrizulta mix-xiehda ta' l-istess partijiet illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Rat ukoll illi r-rikorrenti dejjem ottempera ruhu f'dak li huwa manteniment ghaz-zewg uliedu;

Ghalhekk rat illi gew sodisfatti il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikoli 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti tilqa' t-talbiet, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------